MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2005

Numru 1108/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**Vs**

Louis Scerri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Louis Scerri karta ta’ identita’ numru 60977(M), akkuzat talli:

Fil-Ghassa tal-Pulizija ta’ Haz-Zabbar u fi Triq is-Santwarju, f’Haz-Zabbar, nhar il-Hadd 11 ta’ Dicembru 2005, ghall-habta ta’ xis-sitta u nofs ta’ fil-ghaxija;

1. ingurja, hedded u ghamel offizi fuq il-persuna ta’ PC604 Emmanuel Agius, inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien

ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-eseskuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra l-istess PC604 Emmanuel Agius, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix hames mitt lira imma huwa izjed minn hamsin lira;

4. ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen u indecenti;

5. kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. m’obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ l-awtorita’ jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu;

7. f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, jinsab fis-sakra b’mod li ma jkunx jista’ jiehu hsieb tieghu nniffsu;

8. qal kliem jew espressjonijiet ta’ dagha;

9. talli sar recidiv b’diversi sentenzi ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat ghal finijiet ta’ piena l-Artikoli 95, 96, 325, 340, 338(cc) (dd), 17, 31, 49 u 50 u tikkundannah sena

prigunerija sospizi ghal sentejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi ta' dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------